MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 281/2001/1

**Jimmy Aquilina.**

**-vs-**

**Arabi Dia Omar.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-19 ta' Frar, 2001 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fit-12 ta' Lulju 1999 ghal xi s-1.45a.m., waqt li l-attur kien qed isuq motorcycle Honda Nru. JIM 600, propjeta' tieghu, go St. Andrews Road, San Giljan, safa' involut f'incident awtomobilistiku mal-car Fiat Nru. GAJ 086 misjuqa mill-konvenut li harget minn Triq id-Dris, li hija triq sekondarja markata bis-sinjal *STOP* (Dok. 1);

Illi bhala konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attur garrab danni konsistenti minn *damnum emergens* u *lucrum cessans*;

Illi oltre hsara estensiva fil-motorcylce tieghu, l-attur indarab gravament bil-konsegwenza li kellu jinkorri spejjes medici u ta’ kura kif ukoll telf ta’ xoghol, inoltre qed ibati minn debilita’ permanenti ta’ 68% kif iccertifika t-Tabib Konsulent Anthony Galea Debono fl-anness certifikat mediku datat 15 ta’ Jannar 2001 markat bhala Dok. 2;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut, interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur, baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b’konsegwenza tal-istess garrab l-attur;

2. tillikwida d-danni tal-attur occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi; u

3. tikkundannah ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat u dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta’ Settembru 2000, dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Marzu 2000, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u kwindi hu kontumaci skond il-Ligi.

Rat l-atti processwali kompriz ir-rapport mediku tal-kirurgu Charles Grixti.

Rat id-digriet tas-17 ta' Mejju, 2002 li permezz tieghu s-socjeta' Untours Insurance Agency giet ammessa fil-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-istess socjeta'.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum wara li semghet lill-Avukat tal-attur.

Ikkunsidrat.

Illi fir-rigward tar-responsabilita' tal-incident in kwistjoni, ma hemm ebda ammissjoni u kwindi l-Qorti wkoll trid tiddeciedi dwarha. Madankollu ma hemm bzonn ebda indagini kbira biex jigi stabbilit li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident. Infatti fil-waqt li l-attur kien ghaddej minn St. Andrew's Road, triq manifestament principali, il-konvenut hareg minn go triq sekondarja u barra minn hekk kif sewwa irrimarka l-attur fid-dikjarazzjoni tieghu, immarkata bis-sinjal tal-waqfien (*Stop Sign*).

Stabbilita din il-kwistjoni, irid allura jigi deciz l-ammont ta' danni li ghandhom jigu akkordati lill-attur in segwitu ghall incident stradali imsemmi. Dan il-Qorti ser taghmlu fuq l-iskorta tad-diversi sentenzi li nghataw mill-Qrati taghna in segwita tas-sentenza <u>Butler vs Heard</u> fl-1967.

L-attur qed jirreklama kemm *damnum emergens* u kemm *lucrum cessans*. Fir-rigward ta' l-ewwel, huwa esebixxa seba' dokumenti a fol 38 tal-process. Minn dawn jirrizulta li huwa

xtara l-mutur li gie dannegjat fl-incident ghas-somma ta' erbat elef u mitt Lira Maltin (Lm4,100) fl-1997. Huwa xehed li dan gie dikjarat dannegjat *beyond economic repair* u gie esebit dokument fir-rigward li jindika li biex jissewwa kien hemm bzonn spiza ta' elfejn u tmien mitt Lira Maltin (Lm2,800). L-attur xehed li l-mutur baqa' ghandu u sal-mument li kien qed jixhed kien ghadu ma bieghux. Ghalhekk tenut kont li meta gara l-incident kienu gia' ghaddew sentejn u li l-attur zamm l-hekk imsejjah *wreck* ghandu, il-Qorti ser tivvaluta l-mutur *abritro boni viri* ghas-somma ta' elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2,500).

Rigward ir-ricevuti l-ohra dawn jammontaw ghal erba' mia u tmienja Liri Maltin (Lm408) (jinkludu spejjes medici u tal-*helmet*) u jidhru kollha gustifikati. L-attur qed jirreklama wkoll l-ispejjes biex siefer ghall-kura l-Ingilterra u qal li hallas il-biljetti hu, izda dan jikkontrasta ma' dak kontenut fiz-zewg ittri li esebixxa a fol 47 u 56 li jindikaw illi l-Gvern baghatu ghall-kura a spejjes tal-istess Gvern. Ghalhekk il-Qorti m'hijex ser takkorda dan il-hlas.

Naturalment hija dejjem il-kwistjoni tal-*lucrum cessans* li tipprezenta l-ikbar diffikoltajiet. L-incident sehh fl-1999 meta l-attur kellu tnejn u tletin (32) sena u ghalhekk illum hu ghandu tmienja u tletin (38) sena. It-tabib kuranti tal-attur ikkalkola d-disabilita' tieghu in segwitu ghall-incident ghal tmienja u sittin fil-mija (68%) izda l-espert inkarigat mill-Qorti, il-kirurgu Mr Grixti, ikkonkluda li din id-disabilita' hija ta' tmienja u erbghin fil-mija (48%). F' cirkostanzi simili l-Qorti tadotta l-istima tal-espert imqabbad minnha mhux ghaliex hija tiddistingwi bejn kirurgu u iehor izda ghal raguni strettament procedurali billi ma jaghmilx sens li l-Qorti tinnomina espert u mbaghad ma toqghodx fuq il-fehma tieghu, sakemm ma jkollha xi raguni biex taghmel dan.

L-attur esebixxa diversi dokumenti tat-taxxa li jindikaw li huwa

qala' tlett elef, disa' mija u sitta u hamsin Lira Maltin (Lm3,956) fl-1998, elfejn, hames mija u tlieta u disghin Liri Maltin (Lm2,593) fl-1999 u tlett elf u disa' mija Liri Maltin (Lm3,900) fis-sena 2000. Dan jindika wkoll li huwa tilef elf lira cirka minhabba l-incident fl-1999 u l-Qorti thoss li ghandu jigi kompensat taghhom. Ghar-rigward tas-somma pagabbli ghal telf ta' qliegh futur, il-Qorti ser takkorda tmienja u erbghin fil-mija (48%) ta' tlett elef u disa' mija Liri Maltin (Lm3,900) ghall-perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena bhala l-ammont approssimattiv li kien baqghalu jahdem l-attur mill-1999 sakemm jirtira. Dan ghaliex wiehed qatt ma jista' jkun cert mija fil-mija li l-persuna koncernata ser tahdem sa l-eta' ta' wiehed u sittin (61) sena. Fil-waqt li l-Qorti ser tadotta l-ammont kollu li kien jipprecepixxi l-attur fiz-zmien l-incident biex b'dan il-mod tikkumpensa awmenti futuri bi tnaqqis ghal hlas ta' taxxa u kontribuzzjonijiet. Meta wiehed jahdem b'dan il-mod jasal ghas-somma ta' sitta u erbghin elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm46,800). Billi ghaddew erba' snin minn meta bdiet il-kawza, il-Qorti ser tirreduci dan l-ammont b'ghaxra fil-mija minflok is-soliti ghoxrin fil-mija u ghalhekk l-ammont jigi jaqra tnejn u erbghin elf, mija u tnejn u disghin Liri Maltin (LmLm42,192).

Dawn maghduda ma' l-elf Lira Maltin (Lm1,000) li l-attur tilef minhabba l-incident billi ma marx ghax-xoghol, u s-somma ta' elfejn, disa' mija u tmienja Liri Maltin (Lm2,908) bhala danni bit-telf tal-mutur u spejjes medici jammonta b'kollox ghas-somma ta' sitta u erbghin elf u mitt Lira Maltin (Lm 46,100).

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u tillikwida d-danni li sofra ghas-somma ta' sitta u erbghin elf u mitt Lira Maltin (Lm46,100) u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma msemmija ta' sitta u erbghin elf u mitt Lira Maltin (Lm46,100) u imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-llum stess u bl-ispejjes kollha tal-kawza komprizi dawk**

**indikati fic-citazzjoni jithallsu mill-konvenut; l-ispejjes tas-socjeta' intervenuta fil-kawza ghandha tbatihom hi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------